MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GUDIKATURA KRIMINALI)
# KUMPILAZZJONIJIET - NORMALI

**MAGISTRAT DR.**
**SCERRI HERRERA CONSUELO-PILAR LL.D.**

Seduta ta' 30 ta' Ottubru, 2002

Numru. 547/2002

**Artikoli 338(dd), 338(bb), 339(e), 325(b), 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

**Il-Pulizija**
**Spettur Simon Galea**
**Spettur Dennis Theuma**
**V**

**EMANUEL CARUANA**

**Seduta tal-llum, 30 ta' Ottubru, 2002**

**Il-Qorti;**

Rat li l-imputat **EMANUEL CARUANA** ta' tlieta w ghoxrin sena. bin Alfred u Emanuela nee Barbara, imwieled Pieta nhar t-tnax ta' Marzu, 1979 u joqghod 3, Triq Dun Giusepp, Hal Qormi, detentur tal-karta tal-identita numru 131979M gie imressaq quddiemha akkuzat talli fil-lejl ta' bejn l-erbgha u l-hamsa ta' Mejju, 2002 fin-Naxxar

voluntarjament hassar jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, cioe f'vettura bin-numru ta' registrazzjoni LGY 090, liema hsara tammonta ghal aktar minn hamsin lira maltin izda ma teccedix l-hames mitt lira maltin ghad-dannu ta' Charles Bonello detentur tal-karta tal-identita numru 133375M;
Talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, kiser il-bon ordni u l-paci pubblika b'ghajjat u glied;

Talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, qal kliem oxxen fil-pubbliku li jikkonsisti f'dagha;

Talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi, ghamel lil Jesmond Grech ingurji jew theddid mhux imsemmija band'ohra f'dan il-Kodici jew jekk kien pprovokat, ingurja b'mod li hareg barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta tal-persuna ta' haddiehor jew sabiex jinzamm il-bon ordni pubbliku, flimkien mal-piena jew minflok l-piena applikabbli ghar-reat, torbot lil hati b'obbligazzjoni tieghu nnifsu taht penali ta' somma ta' flus li tigi ffissata mill-istess Qorti.

Rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 338(dd), 338(bb), 339(e), 325(b), 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet lil imputat jammetti l-akkuzi kif dedotti kontra tieghu fis-seduta tat-tmienja w ghoxrin ta' Ottubru, 2002, fil-presenza tal-Avukat Difensur tieghu u fuq tali ammissjoni il-Qorti m'ghandhix triq ohra salv li ssibu hati tal-akkuzi kif addebitati lilu.

Ezaminat bir-reqqa kollha d-dokumenti kollha esibiti fl-atti fosthom l-kunsens tal-Avukat Generali datata hamsa ta' Lulju, 2002, esibit fl-atti bhala dokument CSH 2 sabiex din il-kawza tigi trattata bi procedura sommarja.

Rat l-istatement rilaxxjat mill-imputat nhar s-sittax ta' Gunju, 2002 esibit fl-atti bhala dokument CSH 3, u minn

ezami tieghu jirrizulta li l-imputat kkopera bis-shih mal-Prosekuzzjoni.

Rat c-cirkostanzi kollha tal-kaz u cioe l-ammissjoni tal-imputat registrata fi stadju bikri ta' dawn il-proceduri, l-fedina penali netta u minghajr ebda tebgha ta' reat jew kontravenzjoni registrata fuqha u li l-imputat ghamel tajjeb ghal pretenzjonijiet dovuti lil Charles Bonello u dan kif jirrizulta mill-fotokopja ta' cekk datat tmienja w ghoxrin ta' Ottubru, 2002 intestat lil istess Charles Bonello esibit fl-atti fis-seduta tat-tmienja w ghoxrin ta' Ottubru, 2002.

Dwar il-piena;

**Il-Qorti wara li tiddikjara li qed issib lil imputat EMANUEL CARUANA hati tal-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu, tiddecidi li tilliberah bil-kundizzjoni li ma jghamilx reat iehor ghal perjodu ta' sentejn mill-lum ai termini tal-artikolu 9 tal-Kap 152 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**Oltre dan, ai termini tal-artikolu 383(1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, qed tobbliga lil imputat ghal perjodu ta' sena mill-lum, taht penali ta' mitt lira maltin fin-nuqqas, li ma jkellimx, li ma jimmolestax u li ma jingurjax lil Charles Bonello u lil Jesmond Grech.**

**Il-Qorti fissret fi kliem car s-sinifikat ta' din s-sentenza lil imputat u x'jigri jekk jonqos li josservha.**

**L-imputat jiddikjara li fehem tajjeb s-sinifikat ta' din is-sentenza.**

**Consuelo Scerri Herrera LL D**
**Magistrat**